MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 224/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Paul Miruzzi)**
**Vs**
**John Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u inrapprezentanza ta' J.J.L. Co. Limited u bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud naqas li jikkonforma ruhhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 14 ta' Frar, 2002, u moghtija fil-konfront tieghu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' sitt (6) Liri Maltin ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 76 tal-Kap. 406, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' tlett elef u tnejn u tletin Euro (€3,032) multa rapprezentattiva l-perjodu ta' bejn il-15 ta' April, 2002 sad-data ta' 17 ta' Novembru 2002.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka kemm is-sentenza preliminari u kemm dik fil-mertu fuq imsemmija w, minflok tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajma mill-appellant u tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.
Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant talab illi f'kaz illi l-appell tieghu ma jintlaqax huwa jigi awtorizzat ihallas il-multa inflitta f'rati mensili.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

Illi fil-qosor jidher illi l-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi l-preskrizzjoni sollevata mhijiex applikabbli ghaliex :
a. F'dawn il-proceduri l-appellant ma kienx qed jigi akkuzat b'delitt izda dan kien sehh fil-proceduri precedenti li gew konkluzi fl-14 ta' Fara, 2002;
b. Il-prezenti huma sempliciment proceduri biex jenforzaw sentenza gja moghtija;
c. Il-proceduri odjerni ghalhekk ma jikkontemplawx reat gdid jew separat minn dak li tieghu l-appellant instab hati fl-14 ta' Frar, 2002.

Illi l-appellant ma jaqbilx ma' dan ir-ragunament. Fil-qosor l-argumenti tieghu huma dawn li gejjin :

1. Il-proceduri prezenti ma sarux, nghidu ahna, b'rikors fl-atti tal-proceduri precedenti izda inbdew permezz ta' att ta' akkuza gdid;
2. Fl-att ta' akkuza l-appellant qed jigi akkuzat b'fatti illi allegatament graw wara li nghatat is-sentenza tal-14 ta' Frar, 2002;
3. Dawn il-fatti allegati jridu accertati u ppruvati mill-prosekuzzjoni. Il-kawza odjerna ghalhekk mhijiex sempliciment ezercizzju matematiku jew formalita' procedurali izda procedura separata w distinta minn dik li ntemmet fl-14 ta' Frar, 2002;
4. Il-fatti illi, jekk ippruvati, jgieghlu lill-multa tiskatta mhumiex dawk illi ddecidiet dwarhom il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza tal-14 ta' Frar, 2002 imma fatti distini u cioe' illi l-appellant naqas illi jottempora ruhu ma' dik is-sentenza.

Illi l-appellant jissottometti illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principju ghandha tissussisti l-preskrizzjoni ta' sentenza ai termini tal-artikolu 688(e) li jipprovdi li *l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni .... bl-gheluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-piena tal-kontravvenzjonijiet.*

Illi l-applikabilita' tal-preskrizzjoni ta' sentejn fil-kaz ta' multi/penali ta' din ix-xorta giet ikkonfermata anke f'kazisitika tal-Qrati nostrani (issir referenza fost l-ohrajn ghal Registratur tas-Socjetajiet v Albert Carter (Qorti tal-Kummerc – 29 ta' Mejju 1989).

Ikkunsidrat :

Illi rrizulta mill-provi illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta' Frar, 2002 l-appellant kien gie moghti zmien ta' xahrejn sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fin-nuqqas kellu jehel multa ta' sitt liri kuljum ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas.

L-appellant kellu sal-14 ta' April, 2002 sabiex jottempra ruhu, pero` rrizulta illi fil-fatt ottempra ruhu fit-18 ta' Novembru 2002 u skatta fil-konfront tieghu l-multa

addizjonali ta’ sitt liri kuljum mill-15 ta’ April 2002 sas-17 ta’ Novembru 2002.

B’din il-kawza pprezentat fit-28 ta’ Mejju 2003 il-Qorti giet mitluba tikkomputa` din il-multa w tikkundanna lill-appellant ihallasaha. Ghal din it-talba l-appellant ecepixxa l-preskrizzjoni w ikkwota favur tieghu l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat :

Inghad mill-bidu nett illi b’din il-kawza l–appellant mhuwiex qieghed jigi addebitat b’xi reat jew delitt gdid, imma semplicement esekuzzjoni ta’ sentenza moghtija minn dawn il-Qrati wara illi l-appellant stess naqas li jaderixxi ruhu mal-ordnijiet ta’ dik is-sentenza. Kwindi l-kompitu` ta’ l-Ewwel Qorti kien limitat biss ghall-fatt li tara jekk huwiex minnu illi l-appellant naqas illi jottempra ruhu u f’kaz affermattiv tikkalkola l-multa w ma kellhix ghalfejn terga` ghal darb’ohra tidhol fil-meritu u tara jekk kienx gustifikat jew le illi ma jottemprax ruhu mat-talbiet tal-Kummissarju tal-VAT.

Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, ghal din is-sentenza ma japplika l-ebda terminu u dana fil-kuntest tal-artikolu 687(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jghid testwalment *“id-decizjonijiet li bihom tinghata kundanna ma jaqawx bil-preskrizzjoni fl-ebda zmien.”*

L-appellant gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati b’sentenza tal-14 ta’ Frar, 2002, kwindi fuq dik il-kundanna ma hemm l-ebda preskrizzjoni u ghalhekk lanqas ma jista` jkun hemm preskrizzjoni fuq il-konsegwenzi ta’ dik il-kundanna w cioe` li jhallas il-multa kif u meta stipulat. Huwa nnutili li l-appellant jibqa` jhanbaq fuq l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali ghax ghal dan il-kaz ma tapplikax.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tal-15 ta’ April 2010 li ddermiet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll id-decizjoni tat-13 ta’ Mejju 2010 fejn ikkundannat lill-appellant li jhallas il-multa ta’ tlett elef u

tnejn u tletin Ewro huma legalment korretti u m'ghandhomx jigu disturbati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------